MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Numru. 277/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Zachary Cassar**

Kaz Numru: 277/2014

Illum 16 ta' Settembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Zachary Cassar**, ta' disgha u erbghin (49) sena, iben Francis u Pauline neé Xerri, imwieled Rabat, Ghawdex, fil-21 ta' Lulju 1965,

residenti fil-fond numru 66, Triq il-Manwala, Xewkija, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 26665(G), akkuzat talli:

1. nhar l-20 ta' Mejju 2014 bejn 12:00p.m. u 1:00p.m. bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil martu Linda Cassar fil-pussess ta' *basement* garaxx li jigi sottostanti l-fond 'Melodija', Triq Dun Luqa, Sannat, Ghawdex u dan billi qala' l-bieb tal-faccata tal-imsemmi garaxx kif ukoll tieqa li tinsab fin-naha ta' wara tal-istess garaxx kif ukoll qata' hbula tal-habel tal-inxir li kienu jinsabu fl-imsemmi garaxx u dan bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-ewwel gimaghtejn ta' Jannar 2014 u fil-granet ta' qabel bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil martu Linda Cassar fil-pussess ta' *basement* garaxx u *semi-basement* garaxx li jigu sottostanti l-fond 'Melodija', Triq Dun Luqa, Sannat, Ghawdex u dan billi wahhal zewg *canopies* fuq l-imsemmija garaxxijiet u dan bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Fuq nuqqas ta' provi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Zachary Cassar hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------